# Nifirħu…..

- Lill-Kappillan Rev. Joe Caruana fil-bidu tal-ħidma tiegħu bħala Kappillan il-Ġdid fil-Parroċċa tal-Mellieħa.
- Lil dawk kollha li ngħataw l-Onorefiċenzi ta' Ġieħ il-Mellieħa u Rikonoxximent il-Mellieħa. Dawn kienu r-Rev. Dun Karm Mercieca, is-Sur Anthony Cauchi, il-mibki s-Sur Anthony Bartolo u l-mibkija s-Sinjura Josephine Caruana.
- Lil Steven Fenech, bandist mal-Banda Imperial u membru tal-Kumitat li flimkien ma' Mandy Ghio ġew fl-ewwel post fit-taqsimiet tal-*Ballroom, Latin American* u tax-*Showdance*, fl-ewwel kampjonati ta' żfin bil-*wheelchair* li saru fl-Ingilterra.
- Lil George Fenech li ngħata l-Midalja tal-Qadi tar-Repubblika mill-President ta' Malta Dr George Abela.
- Lil Mariette Borg u Julia Grima li ġew magħżula jkantaw waqt *'The Beatles Philharmonic Tribute',* li sar ġewwa *Royal Albert Hall* f'Londra.
- Lil Damian Buhagiar, kantant Mellieħi li rebaħ il-*Musical Theatre Cup 2011* ta' *Tring Park School* fl-Ingilterra.
- Lil Joe S. Grech, wieħed mill-fundaturi tal-grupp *New Cuorey* għas-CD ġdida b'verżjoni strumentali tad-diski tal-istess grupp.
- Lil Profs. Grace Grima li reġgħet ingħatat il-karigu ta' Direttur Ġenerali fid-Direttorat tal-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja.
- Lil Paul P. Borg li nieda t-tieni volum mis-sensiela letterarja "Ħannieqa Kotba Melleħin".
- Lil William Chetcuti għall-unur storiku għall-isport Malti, meta rebaħ il-midalja tad-deheb fit-Tazza tad-Dinja tal-Federazzjoni tal-Isparar f'Beijing, iċ-Ċina u l-ewwel post fil-*Malta Double Trap Grand Prix* organizzata mill-*Malta Shooting Federation.*
- Lit-tiratur Emanuel Grima li rebaħ l-ewwel post fi sparatura tal-plattini li saret fi Trodi l-Italja, organizzata b'kollaborazzjoni bejn il-*Malta Shooting Sport Federation* u l-FITV.
- Lil Albert Paul Borg li rebaħ midalja tal-fidda fil-kategorija tas-*singles* u oħra tal-bronz fil-kategorija tad-*doubles* fis-sezzjoni tal-*Bowling* waqt il-logħob tal-Olimpjadi Speċjali 2011 f'Ateni l-Greċja.
- Lil Darren Vella, żagħżugħ Mellieħi li l-aktar jipprometti fl-isparar fuq il-plattini.
- Lil Matthew Vella, plejer żagħżugħ, li ntagħżel bħala l-Plejer tas-Sena tal-*Mellieħa Sports Club*.
- Lil Charles Fenech li rebaħ il-kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill Lokali.
- Lil dawk l-isportivi Melleħin rebbieħa ta' premju fid-dixxiplina sportiva tagħhom li ġew onorati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.
- Lill-istudenti Melleħin li ggradwaw mill-Università ta' Malta.

# Nirringrazzjaw…

- Lil Fr Karm Mercieca li sa ftit ilu kien il-Kappillan tal-Mellieħa, ta' kull ma għamel matul il-Parrokat tiegħu fir-raħal tagħna u tal-koperazzjoni li dejjem kien hemm bejnu u bejn l-Għaqda tagħna.